Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 40

Data tal-laqgħa: 20 ta' Diċembru 2021

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku
Andrè Grech – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier
Stephen Gatt - Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mark Mallia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa.

## 40.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

35.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija.

## 40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

40.2.1 Is-DSE ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 39. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

40.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal- Kunsillier Stephen Gatt, li kienet issekondata mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 40.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

40.3.1 39.4.1- Tlajjar fil-Ġnien

Rigward il-tlajjar li kien qed ikun hemm fil-ġnien jidher li kien hemm progress u s-sitwazzjoni tidher li ġiet solvuta. Ser jitkompla il-moniterraġġ tas-sitwazzjoni.

40.3.2 39.4.4 – Tipjip barra postijiet kummerċjali

Is- Sindku talab li DSE biex din it-tema tkun fuq l-agenda li jmiss

40.3.3 39.4.6 - Ġibjun taħt il-Knisja

Is- Sindku talab li tiġi diskussa fis-seduta li jmiss

40.3.4 39.4.7 - Proġett għalqa fi Wesgħa Profs aquilina

Is- Sindku talab li DSE biex din it-tema tkun fuq l-agenda li jmiss

## 40.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

40.4.1 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li rċieva email mingħand il-Perit Joe Galea dwar ir-road markings fi Triq Sir Antoinio Micallef fejn qalilna li huma bħala xogħolijiet qed jagħmlu dawk il-*markings s*kond kif approvat minn Transport Malta. Fir-rigward tad- *double yellow line* dawn huma xogħolijiet li jaqaw fuq d-diskrezzjoni u approvazzjoni tal-Kunsill.

40.4.1.1 Is- Sindku qal li l-unika dilemma hi, li fejn hemm garaxxijiet mhux qed isiru marki biz-zebgħa u għaldaqstant huwa kien qed jissuġerixxi li fejn hemm garaxxijiet jiġu mmarkati *b'Double Yellow line,* metru fuq kull naħa mill-Kunsill. Il-Kunsill approva.

40.4.1.2 Is- Sindku fuq l-istess Triq Antonio Micallef qal li hemm il-kwistjoni tal-*Bus Stop* li għadha ma ġietx approvata mill-Planning Authority u ser jibgħat notifikazzjoni lil Malta Public Transport biex issir pressjoni.

40.4.2 Is- Sindku rċieva komunikazzjoni minn Infrastructure Malta rigward il-proġett li għaddej mill-entita' fi Triq Qarċilla. Issa għal raġuni li l-Kunsill qed jistenna l-approvazzjoni mill- Planning Authority fuq il-proġett mniedi mill-Kunsill in-nies bir-raġun qed jitolbu li jkun hemm koordinament fuq dawn iz-zewġ proġetti u ix-xogħol ma jieqafx u jsir kollu f'daqqa u s- Sindku kiteb lil entita' fuq din il-possibilita'.

40.4.2.1 Is-Sindku kompla qal li l-applikazzjoni tal- Kunsill mal- Planning Authority għandha tiġi kkunsidrata fit-tielet ġimgħa ta' Jannar u għaldaqstant la darba tiġi approvata, il-Kunsill għandu jara' li ma jkunx hemm telf ta' zmien u nibdew ix-xogħolijiet. Issa għar-raġuni li għad ma hemx l-approvazzjoni ta' l-Awtorita', Infrastructure Malta ma jistgħux jikkommettu ruħhom li jkun hemm dan il-koordinament bejn il-Kunsill u Infrastructure Malta.

40.4.3 Fir-rigward tal-Bring In site fiq Wesgħa Profs Aquilina is- Sindku fakkar lill-Kunsill rigward l-installazzjoni ta' dawl ġdid u qal li hemm bzonn li l-kuntrattur jagħmel ix-xogħol mill-aktar fiss possibbli u talab lid-DSE jibgħat reminder.

40.4.4 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li rċevejna rifuzjoni tal-flus mill- iskemi' mnedija mir- Reġjun Ċentru

40.4.5 Is- Sindku qal li hekk kif issa bħala Kunsill ser niġu nagħmlu parti mar- Reġjun Tramuntana u mhux aktar Regjun Ċentru, Il-Kunsill fir-rigward tal-manutenzjoni ta' *street lighting* irid fil-ġimgħat li ġejjin jara jiffurmax parti mill-kuntratt li għandu r-Reġjun Tramuntana fuq dan is-servizz jew nkella tinħareġ tender għal lokalita biss.

40.4.6 Il-Kunsill qabel li jagħmel parti mill-ftehim li għandu ir- Reġjun Tramuntana għas-servizz ta' manutenzjoni fuq street lighting

40.4.7 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li fir-rigward tal-ġbir tal-ħġieg li beda jinġabar fil-ġurnata ta' nhar ta'Erbgħa u mhux aktar il-Ġimgha kellmuh il-Ministeru konċernat u nġibdet l-attenzjoni li dan imur kontra l-liġi stabbilita. Is- Sindku infurmahom li bħala Kunsill ma għandniex kontroll fuq din is-sitwazzjoni għaliex kienet il- kumpanija GreenPak li mponiet dan u li magħha għandna kuntratt. Għalhekk il-Kunsill talab li tinbidel il-liġi sussidjarja biex b'hekk nottemperaw mal-liġi

## 40.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera

## 40.6 Rapporti

40.6.1 Ma kien hemm rapporti.

## 40.7 Offerti Ġbir ta' Skart Mħallat u Organiku BLC 4/2021- Aġġudikazzjoni

40.7.1 Is- DSE poġġa fuq il-mejda tal-Kamra rapport mill- Bord ta' Evalwazzjoni fuq l-offerti mitfuha li kienu tnejn u li z-zewġ offerti laħqu l-kriterji stabbiliti kemm amministrittivament kif ukoll teknikament fis-sejħa li ħareġ il-Kunsill. L-irħas offerta kienet ta' Galea Cleaning Solutions fejn kienet tammonta' għas-somma ta' € 90,480 VAT eskluz. Il-Bord kienet qed jirrakkomanda li t- tender jingħata lil Galea Cleaning Solutions.

40.7.2 Il-Kunsill approva nem-con dan ir-rapport

## 40.8 Konservazzjoni u Restawr ta' l-Istatwa Santa Marija Assunta

40.8.1 Id- DSE infurma lill-Kunsill li l-permess għal dan ir-restawr ġie approvat mill-Planning Authority. Pass li jmiss huwa li jinbeda l-proċess għal ħruġ ta' tender. Is- sindku talab li din il-materja tiġi diskussa fis-seduta li jmiss.

## 40.9 Bring In site fi Wesgħa Profs Aquilina

40.9.1 Din il-materja diġa ġiet diskussa qabel.

## 40.10 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

40.10.1 Is- Sindku kiteb lis- Sur Cohen minn Transport Malta biex jingħata spjegazzjoni għala quddiem il-Corinthia ġew mizbugħa *parking bay*s irriservati għal klijenti tal-lukanda mingħajr ma saret qabel talba lill-Kunsill għal kunsiderazzjoni. Sfortunatament din it-tweġiba baqgħet ma ngħatatx u għaldaqstant ser terġa tintbgħat reminder oħra din id-darba lis- Sur Axisa minn Transport malta fejn nesiġu li bħala Kunsill ningħataw tweġiba nkella din il-kwistjoni ser tmur quddiem il-media.

40.10.2 Fi Triq Il-kbira n-naħa t'isfel rċevejna ilmenti minn xi residenti li siġra kbira qed tagħmel ħsara lill-propjeta tagħhom. Il-Kunsill qed jitlob rapport mill-perit tagħhom biex ikun jista' jara x'jista' jsir.

40.10.3 Hemm bzonn isir *trimming* tas- siġra li hemm fejn id-Dolphin Centre. Ser jiġi infurmat il-ġardinar tal-Kunsill biex jagħmel ix-xogħolijiet.

40.10.4 Talba għal rifuzjoni ta' spejjez peress li nfaqa tyre ta' karozza fi Triq Birbal. Il-Kunsill ser jinfurma lill-individwu li Triq Birbal taqa taħt r-responsabbilta' ta' Transport Malta

40.10.5 Talba minn Elbros Ltd biex fi Triq San Valentin joħorgu b'mod indefinit zewġ *no parking notices* biex isiru xi xogħloijiet ta' bini. Il-Kunsill approva li jinħareġ permess għal gimgħatejn mit- 8am sal 5pm bil-possibilita li jġi mġedded wara talba lill-Kunsill

## 40.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Kunsill

40.10.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 11/21, li tinkludi l-ammont ta' €52.55c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Novembru 2021.

40.10.2 L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata unanimament u għandhom isiru l-ħlasijiet

## 40.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas- seduta li jmiss

40.11.1 Il-Laqgħa mtemmet fis-17.56pm

40.12.2 Il-Laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis 13 ta' Jannar 2022 fl-4pm

Il-minuti ġew ippreparati mis-SE. Konfermati, illum il-Ħamis 30 ta' Settembru 2021

IFFIRMATA

Dr Angelo Micallef
Sindku

IFFIRMATA

Mark Mallia
Deputat Segretarju Eżekuttiv